GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-FINANZI

servizz pubbliku

# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

## *Ix-xogħol ta' accountant*

fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi

**Ix-xogħol ta' accountant jinvolvi firxa ta' kompiti finanzjarji u numeriċi mmirati biex jgħinu individwi, negozji u organizzazzjonijiet jimmaniġġjaw il-finanzi tagħhom b'mod effettiv.**

**Accountant jgħin lin-negozji jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji billi jiġbor u jsegwi l-finanzi tal-kumpanija.**




*Żomm kuntatt magħna!*

Accountant huwa responsabbli mill-verifiki finanzjarji u r-rikonċiljazzjoni ta' rendikonti bankarji. Huwa dover tal-accountant li jiżgura li r-rekords finanzjarji jkunu preċiżi matul is-sena kollha. Fis-settur pubbliku d-dmirijiet tal-accountant jinkludu ż-żamma ta' rekords finanzjarji, ir-rappurtar finanzjarju, il-konformità, il-verifika, l-ibbaġitjar u t-tbassir, l-analiżi finanzjarja u s-servizzi ta' konsulenza, fost l-oħrajn. Id-dmirijiet tal-accountant ivarjaw skont l-esiġenza tal-impjieg innifsu. Uħud mill-aktar dmirijiet komuni tal-accountant huma ż-żamma u l-verifika tar-rekords.

Individwu li jaħdem bħala accountant jgħaddi minn proċessi u esperjenzi differenti, li huma kollha importanti għall-iżvilupp personali u t-tkabbir tal-karriera. Dan ix-xogħol jippermetti li individwu jimxi 'l quddiem u jitgħallem. Parti essenzjali mix-xogħol tal-accountant tinvolvi komunikazzjoni kontinwa biex jiġi aċċertat li jkun hemm armonija fil-proċessi kollha tas-settur pubbliku. Din il-linja ta' xogħol tirrikjedi numru kbir ta' nies b'għarfien espert u ħiliet differenti li lkoll jaħdmu flimkien biex jilħqu għan komuni.

